MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2013

Numru. 510/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**VIOLA BELLISAI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **VIOLA BELLISAI,** ta’ 22 sena, bint Mario Bellisai u Anna nee’ Perra, imwielda Cagliari, fit-3 ta’ Marzu 1991, u residenti gewwa Dragonara Apartments, Appartament numru 302, Triq Dragunara, San Giljan, Malta u detentrici tal-karta tal-identita’ Taljana bin-numru AT0295756 giet imressqa quddiemha u akkuzata talli nhar is-26 ta’ Mejju 2013 bejn it-tlieta ta’ filghodu (03:00hrs) u l-erbgha ta’ filghodu (04:00hrs), gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer:-

1. Ingurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbet kontra PS 1128 Glenn Sammut, PC 1540 Edmond Fenech u PC 1390 Antoine Muscat sabiex tingurjhom, idejjaqhom jew taghmillhom hsara;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha munizzjon msemmi fl-ewwel skeda tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom kopja tal-ID card tal-imputata, statement datat 26 ta’ Mejju 2013 u okkorrenza mehuda minn PS 1128 Glen Sammut.

Semghet l-imputata tiddikjara li hija indigenti u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Patrick Valentino sabiex jassisti lill-imputata.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Mejju 2013 u dan fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali

ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghet tega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju 2013.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputata kkooperat bi shih maghha tul din l-investigazzjoni, li skuzat ruhha tal-akkadut u li l-unika dannu li sofra l-ufficjal tal-Pulizija kien il-pepper spray li gie sprejjat f'wiccu mill-imputata.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi 95, 96, 338 (dd), 338 (ee), u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 5(1)(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputata hatija tal-akkuzi kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront taghha u tikkundannaha piena karcerarja ta' tliet (3) xhur sospizi ghal sena (1) ai termini tal-Artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------